MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 692/2008

**Saviour Desira**

**Vs**

**Saviour Gauci ghan-nom u in rapprezentanza tal-Gvern ta' Malta bhala successur fit-titolu tal-Malta Drydocks Corporation**

***It-Tribunal***,

Ra l-Avviz tal-attur li ppremetta illi huwa kien impjegat mal-*Malta Drydocks Corporation* izda sussesgwentement fis-sena 2002 ghazel li juzufruixxi mill-"*Voluntary Redundancy/Retirement Scheme*" offerta lilu.

Peress illi ai termini ta' dina l-istess skema, l-attur kien intitolat ghal zewg terzi minn kull zieda li jiehdu l-impjegati, inkluz iz-zieda ta' lira u nofs Maltin (Lm1.50) ekwivalenti ghal tlett Ewro u disgha u erbghin centezmu (€3.49) li

nghatat fis-sena 2004 kif jirrizulta mill-Ftehim kollettiv tal-lum *Malta Shipyards Ltd*.

Peress illi l-attur f'dawn l-ahhar snin kien ukoll intitolat ghal diversi *bonuses* li izda ma thallsux lilu mill-konvenut.

Peress illi l-attur sal-lum ghadu qatt ma thallas iz-zidiet jew il-*bonuses* imsemmija.

Peress illi llum il-gurnata, l-attur huwa pensjonant u ghamel diversi xhur jircievi anqas pensjoni minn dik li huwa ntitolat ghaliha li kieku rcieva z-zidiet u l-*bonuses* dovuti u msemmija aktar 'l fuq.

Peress illi l-konvenut gie debitament interpellat permezz ta' diversi ittri legali kif ukoll permezz ta' protest gudizzjarju sabiex jirrettifika l-ingustizzja sofferta mill-attur u jhallsu dak li hu dovut izda baqa' inadempjenti.

Ghal fini ta' kompetenza, l-attur iddikjara li l-ammont mitlub ma jeccedix is-somma ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06) ekwivalenti ghal elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500).

Ghaldaqstant, l-attur talab lil dan it-Tribunal jillikwida dik is-somma dovuta ai termini ta' dak suespost lill-attur mill-konvenut u jordna lill-konvenut ihallas l-istess somma kif hekk likwidata lill-attur, flimkien mal-imghaxijiet skond il-Ligi u l-ispejjez kollha inkluz dawk tal-protest gudizzjarju notifikat lill-konvenut.

Illi l-konvenuti pprezentaw ir-risposta taghhom fejn eccepew illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Eccepew illi l-istess attur kien diga' ntrabat b'kuntratt dwar l-*entitlements* tieghu.

Illi l-*entitlements* dovuti lejn l-attur diga' thallsu kollha u minhabba f'hekk it-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-affidavit tal-attur li jispjega li kien impjegat mal-*Malta Drydocks Corporation* ghal tletin sena u fl-ahhar kien jahdem bhala “*charge man*.” Fl-2002, kienu hargu l-iskemi tal-“*Voluntary Redundancy/Retirement Scheme*”, li kienu offruti lill-impjegati tal-*Malta Drydocks Corporation* u uzufruwixxa minn dina l-iskema taht l-iSkema A.

L-ewwel kundizzjoni kienet tghid li l-impjegat ikun intitolat ghal zewg terzi mill-paga sakemm jilhaq il-pensjoni. L-istess kundizzjoni kienet isemmi ukoll illi kull min jiehu dina l-pensjoni jkun intitolat ukoll ghaz-zewg terzi taz-zidiet li jinghataw fil-Ftehim Kollettiv, zewg terzi taz-zieda ta’ l-gholi tal-hajja u *bonus* shih ta’ Gunju u Dicembru u zewg terzi tal-*bonus* ta’ Marzu u Settembru.

Meta l-*Malta Drydocks Corporation* spiccat, kienet l-*Malta Shipyards Ltd*. li hadet ix-xoghol li kien jaghmel. Fl-2004, meta diga’ kien taht l-istess skema, sar Ftehim Kollettiv gdid bejn il-*Malta Shipyards Ltd*. u l-*General Workers Union*. F’dan il-ftehim kollettiv inghatat zieda ta’ lira Maltija (Lm1) u cioe’ ekwivalenti ghal zewg Ewro u tlieta u tlettin centezmu (€2.33) b’effett minn Jannar ta’ dik is-sena u zieda ta’ nofs lira ohra (Lm0.50) u cioe’ ekwivalenti ghal (€1.16)  b’effett minn Lulju ta’ l-2004.

Ighid li minkejja li skond din l-iskema kien intitolat ghaz-zieda ta’ zewg terzi ta’ din iz-zieda, dina qatt ma thallset lilu u dan sal-gurnata li hareg bil-pensjoni, cioe’ f’Awissu, 2006.

Ighid li hemm arretrati li b’kollox jammontaw ghal mija tlieta u erbghin lira Maltin (Lm143) u cioe’ ekwivalenti ghal tlett mija u tlieta u tletin Ewro u ghaxar centezmi (€ 333.10) .

Minhabba dan in-nuqqas, irrizulta li kien ha pensjoni anqas u dan ghal zmien erba’ xhur, sakemm is-sitwazzjoni giet arrangata da parti tad-Dipartiment Koncernat.

Ghalkemm l-iskema kienet tghid li kien intitolat ghal zewg terzi tal-*bonus* ta’ Marzu, jghid li mid-data li ha l-iskema sad-data tal-pensjoni qatt ma nghata dan il-*bonus*.

Bhala *bonuses* igid li kien jithallas ta’ Gunju kif ukoll ta’ Dicembru. Fuq Marzu u Settembru kien jithallas tnejn u hamsin lira Maltin (Lm52) kull darba u cioe’ ekwivalenti ghal mija u wiehed u ghoxrin Ewro u tlettax-il centezmu (€121.13), li b’kollox kienu jammontaw ghal mija u erbgha liri Maltin (Lm104) u cioe’ ekwivalenti ghal mittejn u tnejn erbghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€242. 25) . Kien ghalhekk intitolat ghal zewg terzi minn dan l-ammont. Pero’ skond l-istess skema ma kienx ircevihom.
Kien talab lill-konvenuti sabiex jirretifika l-posizzjoni tieghu, izda sa’ llum kien ghadu ma thallasx. Kien hareg bhala pensjonant minn Awissu, 2006 u ma kienx ircieva l-*bonuses* ta’ Marzu, kif ukoll ta’ Settembru minn dak iz-zmien.

Ra x-xhieda ta’ Anthony Restall, li kien jokkupa l-kariga ta’ *Human Resources Manager* fit-Tarzna. Jispjega kif fil-25 ta’ Jannar, 2005, it-Tarzna kienet harget b’erba’ skemi ta’ irtirar kmieni. Ighid li l-attur kien ghazel *Skema A*, fejn seta’ jaghzel li jiehu pensjoni mensili jew inkella jiehu somma flus minflok li jircievi l-pensjoni.

Kien hemm terminu li fih wiehed seta’ japplika u aktar ma wiehed kien idum biex japplika, aktar kienet tonqoslu dina s-somma, jekk ghazel dina l-iskema. Kienu waqqfu xi “*help desks*” sabiex ighaddu l-informazzjoni mehtiega.

Jikkonferma ukoll li fil-25 ta’ Frar, 2002, kienu baghtu ittra lill-impjegati kollha tat-Tarzna, fejn kienu gharrfuhom li jekk impjegat ikun ghazel *Skema A*, seta’ jaghzel bejn li jiehu pensjoni jew somma flus, u jekk kien jaghzel il-pensjoni kien intitolat ghal somma flus *ex gratia* li kienet tammonta ghal somma ta’ elf u hames mija u sittin lira Maltin (Lm1560) u cioe’ ekwivalenti ghal tlett t’elef sitt mija u tlieta u tletin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€3,633.82) . Kienu mbaghad intitolati ghal paga u dan kollu kien ikun “in full and final settlement.”

Ix-xhud jikkonferma li l-attur kien ghazel *Skema A* u kien ghazel li jiehu pensjoni u kien ghalhekk li thallas l-pagament *ex gratia*. Jichad li kien thallas *two thirds bonuses* kif ukoll zewg terzi miz-zidiet.

Fil-fatt, jikkonferma dan kollu b'ittra datata 21 ta' Gunju, 2002, iffirmata mill-attur, fejn jikkonferma li l-attur kien soddisfatt li kien ser jiehu l-pensjoni u s-somma ta' elf hames mija u sittin lira Maltin (Lm1560) u cioe' ekwivalenti ghal tlett t'elef sitt mija u tlieta u tletin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€3,633.82) u din bhala somma *ex gratia* u mhux taxxabbli.

B'hekk ma kellu l-ebda jedd ghal paga u *bonuses* li kienu dovuti sad-data tat-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu.

Ghal minn kien applika taht skema ohra, ix-xhud jispjega illi kien japplika l-ftehim li sar u gie approvat mill-Prim' Ministru fl-4 ta' Novembru, 2002 u cioe' li kull min kien ghazel li jmur jahdem mal-*Malta Shipyard*, kienu japplikaw ghalih l-kundizzjonijiet godda li hemm f'dan il-Ftehim Kollettiv.

Ighid ukoll li l-attur kien fetah kawza quddiem l-Ombudsman, liema kawza ma gietx milqugha.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

1. F'dan il-kaz hemm zewg verzjonijiet kontrastanti, ghaliex minn naha wahda, l-attur qieghed jinsisti li ghandu jithallas xi zidiet u bonuses li kien intitolat ghalih skond l-*iskema A* ta' l-irtirar li kien ghazel.

Minn naha l-ohra, s-socjeta' konvenuta tinsisti li l-attur mhux intitolat ghal dawn iz-zidied u *bonuses* u dan meta l-attur iffirma dikjarazzjoni fil-21 ta' Gunju, 2002, fejn ikkonferma li kien qieghed jithallas il-pensjoni u kien qieghed jircievi ukoll pagament "*ex gratia*," u dan a saldu ta' kwalsiasi pretenzjoni li jista' jkollu kontra l-istess socjeta' konvenuta.

2. It-Tribunal ezamina bir-reqqa dan il-kaz u l-fatti juru li l-attur ghazel li jidhol f'din l-iskema ta' "*Voluntary Redundancy/Retirement Scheme*," taht *Skema "A1"*.

Skond l-istess skema kien hemm stipulat li :-

***"Impjegat li japplika ghal din l-iskema jkun intitolat ghal zewg terzi tal-paga bazika sakemm jilhaq l-eta' tal-pensjoni. L-oghla rata li impjegat jista' jiehu bhala pensjoni taht dina l-iskema "A" ta' zewg tezi ta'sitt t'elef sitt mija u dsatax-il Ewro ( Lm6,619) u cioe' ekkwivalenti ghal hmistax-il elf erba' mija u tmintax-il Ewro u tnax-il centezmu (€15,418.12), li hi l-pensjoni massima skond il-ligi. Kull min jiehu dina l-pensjoni jkun intitolat ukoll ghal zewg terzi taz-zidiet li jinghataw fil-Ftehim Kollettiv , zewg terzi taz-zieda li tinghata kull sena ghall-ghioli tal-hajja, kif ukoll ghall-bonus shih ta' Gunju u Dicembru u zewg terzi tal-bonus ta' Marzu u Settembru."***

3. Is-socjeta' konvenuta tinsisti li t-talbiet ta'l-attur kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li la darba kien iffirma dikjarazzjoni datata 21 ta' Gunju, 2002, (Dokument AR5), kien qieghed jaqbel illi malli jinghata s-somma *ex gratia*, ma kienx intitolat ghal ebda zidiet jew *bonuses*.

F'din id-dikjarazzjoni kien hemm stipulat:-

***"Din is-somma ta' flus flimkien mal-pensjoni, huma finali u m'ghandi jedd ghall-ebda pretensjoni, dritt jew kumpens iehor mill-Korporazzjoni in konnessjoni mal-impjieg tieghi hlief biss ghall-paga u bonus statutorju pro rata dovuti sad-data tat-terminazzjoni ta' l-impjieg. Din il-kundizzjoni tghodd ukoll ghall-perjodu ta'' notice u kull tip ta' bonus ghal servizz."***

Skond is-socjeta' konvenuta, din id-dikjarazzjoni per se kienet wahda specifika, izda wahda applikabbli b'mod generali ghall-Iskema fl-intier taghha. Fil-fatt, l-istess dikjarazzjoni tikkontjeni estratt minn din l-Iskema.

Dan it-Tribunal ma jistax jaqbel mal-interpretazzjoni li l-attur qed jippretendi li ghandha tinghata lid-dikjarazzjoni minnu iffirmata u in parti riportata supra. Kieku kellha tigi accettata il-verzjoni tieghu dan ikun ifisser li oltre dak li kien intitolat ghalih that l-Iskema li huwa ghazel kellu ukoll dritt ghas-somma ta' flus *extra* li ghaliha hemm riferenza fid-dikjarazzjoni. Huwa ovvju, pero', li l-ghazla tas-somma kienet intiza biex tissostitwixxi dak li altrimenti kien ikun intitolat ghalih that dik l-Iskema b'mod li ultimament kien ser imur ahjar jew aghar skond ic-cirkostanzi specjalment skond kemm idum jghid. Ghal dan it-Tribunal minghalr din id-dikjarazzjoni kien ikun intitolat ghal dak preskritt fl-*Iskema A* kif fuq spjegat cioe' il-pensjoni u zidiet hemm indikati, mentri meta opta ghass-somma kien qed izomm ferm id-dritt tieghu ghal pensjoni inda flok iz-zidiet imsemmija li jkollu dritt ghalihom minn zmien ghal zmien sakemm jibqa haj, kien ser jippercepixxi soma globali (oltre il-pensjoni) li tissostitwixxi d-dritt tieghu gahl dawk iz-zidiet. Dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif l-attur qed jippretendi mod iehor. Il-kliem ***"Din is-somma ta' flus flimkien mal-pensjoni, huma finali u m'ghandi jedd ghall-ebda pretensjoni, dritt jew kumpens iehor*** " ma jhallux dubbju dwar dan. Kieku kien il-kaz kif qed jippretendi l-attur kieku fid-dikjarazzjoni kienu jizdiedu il-kliem «**u zidiet** » li eviudentement huma nieqsa u huma nieqsa bl-iskop li jigi indikat li flok dawk iz-zidiet perjedici l-attur kien ser ikun intitolat oltre ghal pensjoni ghas-somma konkordata.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad t-talbiet attrici bl-ispejjez a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------